Fit- Tribunal Industrijali

Fil-kwistjoni tax-xoghol
numru 1795/JB
bejn
Peter Spiteri
Vs
Xuereb Glass Co Ltd.
dwar tkeccija mill-impjieg allegata
li hi ngiusta
Decizjoni numru 1531

Illum, 30 ta' Lulju, 2004.

**Chairperson:** Dr Jos. P Bonnici LL.D

It-Tribunal,

Ra t-talba tal-appellant ghad-dikjarazzjoni ta' tkeccija ngiusta mill-impjieg tieghu mis-socjeta' intimata.
Ra r-risposta tas-socjeta' intimata li allegat li t-tkeccija saret ghal raguni valida, inkluz dik ta' redundancy.
Sema x-xhieda w ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidera:

Illi mhux kontestat li s-socjeta' intimata tterminat l-impjieg tal-appellant meta kien fuq 'sick leave' minhabba incident awtomobilistiku. L-imghallem tieghu qabad u impjiega lil haddiehor floku minhabba li ma setax joqghod minghajr xufier biex iqassam ix-xoghol. Meta gie lura ghax-xoghol l-imghallem infurmah li ma kienx hemm post aktar ghalih.

Rinfaccjat b' dawn il-proceduri s-socjeta' intimata allegat ukoll certu nuqqasijiet tal-appellant. Dawn kienu jikkonsistu filli l-appellant ma jilbisx uniformi tax-xoghol u ma kienx joqghod il-hin kollu fuq il-post tax-xoghol.

Jirrizulta mill-provi prodotti, inkluzivament dawk prodotti mis-socjeta' intimata stess li dawn l-allegazzjonijiet huma infondati. Di fatti kull ma kien jaghmel, kien jibdel il-flokk u jilbes wiehed bic-cingi. Dwar il-hin li ma kienx jaghmel, irrizulta li s-socjeta' intimata kienet izzomm 'overtime' ghal sieghat shah anke sa bil-lejl, lill-impjegati taghha. Dana minghajr pre-avviz u ta' kuljum. Pero' dwar pagamenti tal-pagi, kien ikollhom jistennew anke ghal perjodu ta' tlett (3) xhur biex jithallsu dak li dovut legittimament lilhom kull gimgha hmistax jew xahar peress li l-imghallem kien jistenna l-ewwel li jithallas mill-klijenti tieghu. Dwar l-allegata 'redundancy' veru li s-socjeta' intimata kellha 'redundancy' izda dina giet krejata minnha stess. Di fatti l-post tal-appellant gie akkwistat mill-impjegat il-gdid. Anki fl-aghar ipotesi, ma kellux jigi terminat l-impjieg tal-appellant fuq din il-bazi izda tal-persuna li giet impjegata warajh. U dana aktar u aktar meta l-hames (5) impjiegati kienu kapaci li jaghmlu kollha l-istess xoghol u huma fl-istess grad.

Jirrizulta lit-Tribunal li r-ragunijiet moghtija mis-socjeta' intimat ma iggustifikawx it-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant minn mas-socjeta' intimata. It-tkeccija tieghu saret ghal ragunijiet mhux gjusti.

Mhux il-lok li t-Tribunal jordna r-rimpjieg billi dan ma hiex mitluba u l-appellant ser jemigra min dawn il-Gzejjer. Bhala ammont tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u s-soliti

fatturi it-Tribunal jiffissa s-somma ta' elf Lira Maltin (Lm1000).

Jiddeciedi billi jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant da parti tas-socjeta’ intimata ma saritx ghal raguni gjusta, u tiffirssa kumpens fis-somma ta' elf Lira Maltin (Lm1000).

B' hekk din il-kwistjoni hija terminata.

Ghal fini ta' tassazzjoni, it-Tribunal jiffissa dritt ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25).

**AVV. JOSEPH P. BONNICI**
Chairperson